MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 342/2006

**Maltacom plc**

**Vs**

**Maria Victoria Cutajar Rapinett**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi illi kien gie pprezentat fid-19 t'April, 2006 fejn intalab illi l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attirici s-somma ta' erbgha mija tnejn u sittin lira u tmien centezmi (Lm462.08) rapprezentanti kont fuq servizz tat-telefon bin-numru 21235851 u 21234230 kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mmarkati bhala Dok A, Dok B, Dok C u Dok D.

Ra illi l-konvenuta ghalkemm debitament notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba.

Sema' x-xhieda ta' Dr Ingrid Zammit Young li bil-gurament taghha kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma kif mitluba ta' erbgha mija tnejn u sittin lira u tmien centezmi (Lm462.08) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu ta' l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------